



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0218/2019**

25.11.2019

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali  
(2019/2930(RSP))

**Silvia Sardone, Sylvia Limmer, Elena Lizzi, Marco Dreosto, Danilo Oscar Lancini, Gianantonio Da Re, Simona Baldassarre**  
f'isem il-Grupp ID

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali (2019/2930(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi d-dibattitu dwar l-effetti reali tat-tibdil fil-klima għadu għaddej; billi l-kontribut tal-azzjoni tal-bniedem għat-tibdil fil-klima, jekk dan ikun deċiżiv, għad irid jitkejjel b'mod preċiż;
1. Jinnota li l-introduzzjoni ta' "emerġenzi" b'mod ideoloġiku tirriskja li tipprovoka u tistituzzjonalizza kunflitt bejn il-ġenerazzjonijiet li jikkawża ħsara, pjuttost milli tiffavorixxi dibattitu b'piż differenzjat;
  2. Jirrifjuta b'mod qawwi dawn it-tentattivi biex jiġi stabbilit stat ta' eċċezzjoni dejjiemi mingħajr ebda spazju għal alternattivi, li għandhom l-effett li jisforzaw l-omologazzjoni fil-komunità xjentifika u d-dibattitu pubbliku;
  3. Jinsab estremament imħasseb dwar l-approċċ fideistiku lejn it-"tranżizzjoni ekoloġika" murija matul is-seduti ta' smiġħ tal-President elett tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen u bosta Kummissarji nnominati, kif ukoll diversi gruppi politiċi, li jmexxi l-aġenda politika tal-UE lejn għanijiet mhux realistiċi;
  4. Jinsab impenjat biex is-suġġett dwar l-ambjent ipoġġih lura fil-kuntest ta' diskussjoni razzjonali u jirrikonċilja l-politiki ambjentali u soċjali, billi jiffoka fuq l-aktar aspetti li jniġġsu tal-mudell tal-produzzjoni u l-konsum tagħna;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.